MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 49/2004

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Joseph Buhagiar (ID-911744M) u b'digriet tat-13 ta' Frar, 2004 gie kjamat in kawza Reno Ciantar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tnejn u erbghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm342.36), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21575317 (AT5337/84) liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali Blk/B, Hampton Court, Triq il-Gifen, Bugibba skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness mal-avviz immarkat Dok.A, u kuntratt relattiv immarkat Dok.B.**

**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-27 ta' Jannar, 2004 fejn gie eccepit illi l-ammont mitlub ma hux dovut ;**
**Illi bla pregudizzju l-ammont in kwistjoni ma huwiex dovut mill-konvenut li ma huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici ;**
**Illi fl-1995 il-fond kien gie trasferit lil certu Reno Ciantar ta' « Maruska » Triq in-Naxxar, San Gwann u dakinhar il-konvenut kien issalda kull ammont pretiz mill-Korporazzjoni Telemata u kien sar it-transfer ;**
**Illi fi kwalunkwe kaz il-fond in kwistjoni ilu mwaqqa' u ma jistghax ikun li kien hemm servizz f'dak il-fond ;**
**Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Keith Grech u ta' Joseph Buhagiar.**
**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-2 ta' Frar, 2005, ghas-subizzjoni tal-kjamat in kawza Reno Ciantar. Ra li l-kjamat in kawza baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**
**Ikkunsidra :**
**Illi mix-xhieda prodotti, senjatament dik tal-konvenut, jirrizulta li kien sar it-transfer tal-imsemmija linja tat-telefon ghal fuq Reno Ciantar fl-1997.**
**Jirrizulta li l-kontijiet mitluba jirrigwardaw perjodu meta l-konvenut ma kienx aktar qed jaghmel uzu mill-imsemmija linja izda kienet f'idejn Reno Ciantar.**
**Ikkunsidra li l-kjamat in kawza ingunt in subizzjoni baqa' ma deherx, u hemm ragunijiet sufficenti sabiex it-talbiet attrici jitqiesu bhala pruvati fil-konfront tieghu.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jillibera lill-konvenut Joseph Buhagiar mill-osservanza tal-gudizzju, u jikkundanna lill-kjamat in kawza Reno Ciantar ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u**

**erbghin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm342.36) bl-imghax legali mill-15 ta' Dicembru, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-kjamat in kawza, b'dana pero` li l-ispejjez tal-konvenut ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------